IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2020
COM(2020) 649 final

ANNEX

ANNESSI

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tad-differenzi għall-Annessi 1, 3, 4, 6, il-Partijiet I, II u III, 10, Volumi I u II, 11, 14, Volumi I u II, 15 u 16, Volumi I, II u III, tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II, ta' dik il-Konvenzjoni, relatati mad-differiment tar-rekwiżit futur għall-ekwipaġġ ta' reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR) ta' ħamsa u għoxrin siegħa sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati minħabba l-kontinġenza tal-COVID-19

ANNESS

Differenzi li għandhom jiġu nnotifikati lill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward ta' għadd ta' Emendi adottati għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago

1. DOKUMENTI LI GĦANDHOM JIĠU NNOTIFIKATI

Il-219-il sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO li saret bejn it-2 u l-20 ta' Marzu 2020 adottat għadd ta' Emendi għal diversi Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago, fl-oqsma tas-sikurezza, l-ambjent u n-navigazzjoni tal-ajru. F'dak il-kuntest, filwaqt li titqies il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati lill-ICAO kif ġej.

1.1. L-Emenda 176 għall-Anness 1 dwar il-Liċenzjar tal-Persunal

Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

1.2. L-Emenda 79 għall-Anness 3 dwar is-Servizz Meteoroloġiku għan-Navigazzjoni Internazzjonali bl-Ajru

Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

1.3. L-Emendi 44, 37, 23 rispettivament għall-Partijiet I, II u III tal-Anness 6 dwar l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru

Parti I: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

Parti II: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

Parti III: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

1.4. L-Emenda 92 għall-Anness 10 dwar it-Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi, Volumi I u II

Volum I: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

Volum II: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

1.5. L-Emenda 52 għall-Anness 11 dwar is-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru

Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

1.6. L-Emendi 15 u 9 għall-Anness 14 dwar l-Ajrudromi, Volumi I u II

Volum I: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

Volum II: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

1.7. L-Emenda 41 għall-Anness 15

Id-differenza għandha tiġi nnotifikata

1.8. L-Emendi 13, 10 u 1 għall-Anness 16 dwar l-Ambjent, Volumi I, II u III

Volum I: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

Volum II: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

Volum III: Id-differenzi għandhom jiġu nnotifikati

2. DETTALJI TAD-DIFFERENZI LI GĦANDHOM JIĠU NNOTIFIKATI

2.1. L-Emenda 176 għall-Anness 1 dwar il-Liċenzjar tal-Persunal

2.1.1. Deskrizzjoni

L-emenda toħroġ minn rakkomandazzjonijiet żviluppati mit-Task Force ta' Taħriġ u Valutazzjoni bbażati fuq il-Kompetenzi (CBTA-TF) tal-ICAO u s-Segretarjat tal-ICAO, u tikkonċerna l-allinjament mal-Emenda 5 għall-Proċeduri għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru — Taħriġ (PANS-TRG, Doc 9868), definizzjonijiet ġodda, taġġorna r-rekwiżiti għall-uffiċjali tal-operazzjonijiet tat-titjir/dispaċers tat-titjiriet, tipprevedi emenda għad-dispożizzjonijiet dwar l-inġenji tal-ajru "powered-lift" u tipposponi l-applikabbiltà tagħhom, u l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet għall-għalliema tat-taħriġ fuq ix-xogħol tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

2.1.2. Id-Dritt tal-Unjoni Rilevanti

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011[1]

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340[2]

2.1.3. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-emenda 176 għall-Anness 1

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
KAPITOLU 1. DEFINIZZJONIJIET U REGOLI ĠENERALI DWAR IL-LIĊENZJI 1.1 Definizzjonijiet Kompetenza; Element ta' Kompetenza; Unità ta' Kompetenza; Il-ġestjoni tal-iżbalji; Il-kriterji tal-prestazzjoni; Il-ġestjoni tat-theddid.	C	Ir-Regolament (UE) 1178/2011 jinkludi dawn id-definizzjonijiet kif speċifikat fl-Anness 1 tal-ICAO, it-12-il edizzjoni 2018. Ir-Regolament (UE) 2015/340 ma jinkludix definizzjonijiet referenzjati.	Biex jiġu indirizzati kwistjonijiet editorjali, l-emenda għar-Regolament (UE) 1178/2011 hija ppjanata li tiġi adottata skont l-RMT.0587, "Aġġornament regolari tar-regolamenti dwar it-taħriġ, l-ittestjar u l-kontrolli tal-bdoti u s-sorveljanza relatata". Fil-ġejjieni se tiġi kkunsidrata emenda għar-Regolament (UE) 2015/340 skont l-RMT.0668, "Aġġornament regolari tar-regoli dwar il-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru".

[1] ĠU L/311, 25/11/2011, p. 1
[2] ĠU L63 06.03.2015, p. 1

KAPITOLU 1. DEFINIZZJONIJIET U REGOLI ĠENERALI DWAR IL-LIĊENZJI 1.1 Definizzjonijiet Taħriġ u Valutazzjoni bbażati fuq il-Kompetenzi; Standard ta' Kompetenza; Kundizzjonijiet; Qafas ta' Kompetenza tal-ICAO; Monitoraġġ; Imġiba osservabbli (OB); Bdot li qed itir (PF); Bdot li qed jimmonitorja (PM).	C	Ir-regolamenti tal-UE ma jinkludux dawn id-definizzjonijiet.	L-emenda għar-Regolament (UE) 1178/2011 hija ppjanata li tiġi adottata skont l-RMT.0587, "Aġġornament regolari tar-regolamenti dwar it-taħriġ, l-ittestjar u l-kontrolli tal-bdoti u s-sorveljanza relatata".
2.4.3 Rekwiżiti speċifiċi għall-ħruġ tal-klassifikazzjoni tal-kategorija tal-ajruplan 2.4.3.1 Esperjenza 2.4.3.1.1 Il-kreditu għandu jkun limitat għal massimu ta' 20 siegħa.	A	FCL.315 CPL flimkien mal-Appendiċi 3 tal-Anness I (il-Parti-FCL) tar-Reg. 1178/2011 jippermetti massimu ta' kreditu ta' 10 sigħat.	
1.2.8.2 u APPENDIĊI 2. ORGANIZZAZZJONI TAT-TAĦRIĠ APPROVATA 3. Programmi ta' taħriġ	B	FCL.115 LAPL, ta' FCL.210 PPL, FCL.315 CPL, u FCL.315(A), FCL.410.A MPL, FCL.515 ATPL, FCL930 FI, FCL.930FI FI, FCL.930.TRI TRI, FCL.930.CRI CRI, FCL930.IRI IRI, FCL930.SFI SFI, FCL930.MCCI MCCI, FCL930.ST STI, FCL.930.MI MI, FCL.930FTI FTI, Appendiċi 3 għal Anness I, Appendiċi 5 għal Anness I, u Appendiċi 6 għal Anness I (il-Parti-FCL) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2011/1178 Liċenzjar tal-ekwipaġġi tat-titjir, tiżgura l-flessibilità meħtieġa tal-programmi ta' taħriġ.	

KAPITOLU 4 LIĊENZJI U KLASSIFIKAZZJONIJIET GĦALL-PERSUNAL GĦAJR GĦALL-MEMBRI TAL-EKWIPAĠĠ TAT-TITJIRA 4.4 Liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru 4.4.1 Rekwiżiti għall-ħruġ tal-liċenzja 4.4.1.3 Esperjenza 4.4.1.3.1	C	Ir-Regolament (UE) 2015/340 ma fihx ir-rekwiżit dwar is-servizz ta' 3 xhur.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2015/340 se tiġi kkunsidrata skont il-Kompitu ta' Tfassil tar-Regoli RMT.0668, "Aġġornament regolari tar-regoli dwar il-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru". Huwa mistenni li tinħareġ notifika ta' emendi proposti (NPA) sa tmiem l-2020.
4.4.1.3.2	A	Ir-Regolament tal-UE 2015/340 jindirizza l-istandard referenzjat b'mod dettaljat fir-rigward tal-esperjenza u t-taħriġ ta' għalliema tat-taħriġ fuq ix-xogħol.	Mhi prevista l-ebda bidla fir-Regolament (UE) 2015/340 (il-Parti-ATCO).
4.5 Klassifikazzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru 4.5.2 Rekwiżiti għall-klassifikazzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru 4.5.2.2 Esperjenza 4.5.2.2.1 subparagrafu b)	B	Il-Parti-ATCO għar-Regolament tal-UE 2015/340 tindirizza l-istandard referenzjat mingħajr ma timponi obbligu addizzjonali.	Mhi prevista l-ebda bidla fir-Regolament (UE) 2015/340 (il-Parti-ATCO).
4.5.2.2.1 subparagrafu c)	C	Ir-regolamenti tal-UE ma jeħtiġux esperjenza/taħriġ fl-Avviċinament b'Radar ta' Sorveljanza.	Huwa previst li l-istandard jiġi indirizzat fl-AMC assoċjati mal-Parti-ATCO tar-Regolament (UE) 2015/340 skont l-RMT.0668, "Aġġornament regolari tar-regoli dwar il-liċenzjar tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru". Huwa mistenni li tinħareġ notifika ta' emendi proposti (NPA) sa tmiem l-2020.

4.5.2.2.2	B	Il-Parti-ATCO għar-Regolament (UE) 2015/340 ma teħtieġx li l-applikazzjoni għal klassifikazzjoni ssir fi żmien sitt xhur mit-tlestija tal-esperjenza. Madankollu, l-istess regolament jeħtieġ li l-privileġġi jiġu eżerċitati f'limitu ta' żmien li ma għandux jaqbeż id-90 jum. Ir-regola ATCO tirreferi għal sena (1), meta d-detentur ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru ma jkunx beda jeżerċita l-privileġġi ta' dik il-liċenzja mid-data tal-ħruġ tagħha jew ikun interrompa l-eżerċitar ta' dawk il-privileġġi għal perjodu ta' aktar minn sena. Imbagħad, huwa/hija jkun jista' biss jibda jew ikompli t-taħriġ tal-unità f'dik il-klassifikazzjoni wara valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti tiegħu, dwar jekk għadux jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti għal dik il-klassifikazzjoni, u wara li jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' taħriġ li jirriżulta minn din il-valutazzjoni.	

1.2. L-Emenda 79 għall-Anness 3 dwar is-Servizz Meteoroloġiku għan-Navigazzjoni Internazzjonali bl-Ajru

1.2.1. Deskrizzjoni

L-Emenda proposta, li tirriżulta mir-raba' laqgħa tal-Bord Meteoroloġiku (METP/4), tikkonċerna l-mudell ta' skambju ta' informazzjoni meteoroloġika tal-ICAO (IWXXM), l-għassa internazzjonali tal-vulkani mill-passaġġi tal-ajru (IAVW), is-sistema dinjija għat-tbassir ta' erja (WAFS), SIGMET, AIRMET u GAMET[3].

[3] AIRMET u SIGMET jissemmew fir-Regolament (UE) Nru 2017/373. Huma jirrappreżentaw informazzjoni lill-utenti tal-ispazju tal-ajru rigward ċerti kundizzjonijiet meteoroloġiċi.

GAMET hija definita fir-regoli tal-ICAO. Huwa tbassir tal-erja f'lingwaġġ sempliċi mqassar għal titjiriet ta' livell baxx għal reġjun ta' informazzjoni dwar it-titjira jew għas-subżona tiegħu, imħejji mill-uffiċċju meteoroloġiku magħżul mill-awtorità meteoroloġika kkonċernata u skambjat mal-uffiċċji meteoroloġiċi f'reġjuni kontigwi ta' informazzjoni dwar it-titjir, kif miftiehem bejn l-awtoritajiet meteoroloġiċi kkonċernati. Fir-rigward

1.2.2. Id-Dritt tal-Unjoni Rilevanti

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373[4]

1.2.3. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-emenda 79 għall-Anness 3

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
Anness 3, Emenda 79, Kap 1. 1.1 "Definizzjonijiet"; "Ċentru konsultattiv dwar l-irmied volkaniku (VAAC)"	C	Fir-regoli tal-UE, id-definizzjoni ta' "ċentru konsultattiv dwar l-irmied volkaniku (VAAC)" tinkludi t-test "wara li jiżbroffaw vulkani".	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta huwa antiċipat li jitħassar it-test "wara li jiżbroffaw vulkani" u d-definizzjoni ta' "ċentru konsultattiv dwar l-irmied volkaniku (VAAC)" tkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, Kap 3. 3.4 "Uffiċċju ta' Osservazzjoni Meteorolġika"; dispożizzjoni ġdida 3.4.4	C	Fir-regoli tal-UE, ir-rakkomandazzjoni li l-uffiċċji ta' osservazzjoni meteorolġika (MWO) għandhom jikkoordinaw SIGMET ma' MWO ġirien mhijiex inkluża.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta huwa antiċipat li jiġi inkluż rekwiżit ekwivalenti għal dak tal-Emenda 79 tal-ICAO u li jkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, Kap 3. 3.7 "Ċentri konsultattivi dwar iċ-ċikluni tropikali"; dispożizzjoni 3.7 b).	C	Fir-regoli tal-UE, ir-rekwiżit li jiġu inklużi bidliet fl-intensità fil-ħin tal-osservazzjoni (taċ-ċiklun tropikali) mhuwiex inkluż.	L-emenda għar-Regolament (UE) Nru 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta r-rekwiżit li jiġu inklużi bidliet fl-intensità fil-ħin tal-osservazzjoni (taċ-ċiklun tropikali) huwa antiċipat li jiġi inkluż u li jkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.

tal-leġiżlazzjoni tal-UE, issir referenza għal "tbassir tal-erja għal titjiriet ta' livell baxx" kif definit fl-Anness I (Definizzjonijiet) tar-Regolament (UE) 2017/373.

[4] ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1.

ANNESS 3, Emenda 79, App 1. “Mudelli ta’ ċarts u formoli”; MUDELL VAG u MUDELL SVA.	C	Fir-regoli tal-UE, il-mudelli (eżempji) ta’ ċarts aġġornati li juru l-projezzjonijiet stereografiċi Mercator u Polar għan-notifika dwar l-irmied volkaniku fil-format grafiku, u għas-SIGMET f’format grafiku mhumiex inklużi.	L-emenda għar-Regolament (UE) Nru 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta huwa antiċipat li jiġu inklużi mudelli (eżempji) ta’ ċarts aġġornati li juru l-projezzjonijiet stereografiċi Mercator u Polar u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; 1.2 “Tbassiriet f’forma ta’ grilja tal-ajru ta’ fuq”, id-dispożizzjoni 1.2.1	C	Fir-regoli tal-UE, jeżistu d-differenzi li ġejjin għal din id-dispożizzjoni: 1) Hija inkluża r-referenza għal “ajru ħieles” u “fis-sħab” (fil-kuntest ta’ turbolenza); 2) L-ordni tad-disseminazzjoni tal-tbassiriet hija dik tal-ordni tal-produzzjoni; u, 3) Il-ħin li fih għandha titlesta d-disseminazzjoni huwa ta’ 6 sigħat wara l-ħin standard ta’ osservazzjoni.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta; 1) it-tħassir ta’ “ajru ħieles” u “fis-sħab”; 2) it-tħassir ta’ ordni speċifika ta’ disseminazzjoni; u, 3) it-tlestija tad-disseminazzjoni sa 5 sigħat huma antiċipati li jiġu inklużi u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; 1.2 “Tbassiriet f’forma ta’ grilja tal-ajru ta’ fuq”, għad-dispożizzjoni 1.2.2 g)	C	Fir-regoli tal-UE, is-saffi ġodda ta’ turbolenza ċċentrati fil-livelli ta’ titjir 100 (700 hPa), 140 (600 hPa), 180 (500 hPa), mhumiex inklużi.	L-emenda għar-Regolament (UE) Nru 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021,meta s-saffi l-ġodda ta’ turbolenza ċċentrati fil-livelli ta’ titjir 100 (700 hPa), 140 (600 hPa), 180 (500 hPa) inklużi n-Noti relatati, huma antiċipati li jiġu inklużi u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.

ANNESS 3, Emenda 79, App 2; 1.3 "Tbassiriet tat-temp sinifikanti (SIGWX)", għad-dispożizzjoni 1.3.1.1	C	Fir-regoli tal-UE, iż-żmien sa meta għandha titwettaq id-disseminazzjoni tat-tbassiriet tat-temp sinfikanti (SIGWX), ma jkunx aktar tard minn 9 sigħat wara l-ħin standard ta' osservazzjoni.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta huwa antiċipat li jiġi inkluż ir-rekwiżit għat-tlestija tad-disseminazzjoni, b'7 sigħat f'operazzjonijiet normali u sa 9 sigħat wara l-ħin standard ta' osservazzjoni matul l-operazzjonijiet ta' riżerva, u li jkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; 1.3 "Tbassiriet tat-temp sinifikanti (SIGWX)", għad-dispożizzjoni 1.3.1.3	C	Fir-regoli tal-UE, u filwaqt li tiġi nnotata l-applikabbiltà differita tal-Emenda tal-ICAO (4 ta' Novembru 2021), ma hemm l-ebda rekwiżit għaċ-Ċentri tat-Tbassir tal-Erjas madwar id-Dinja biex joħorġu tbassiriet SIGWX fil-forma ta' kodiċi tal-IWXXM.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta huwa antiċipat li r-rekwiżit għad-WAFCs li joħorġu tbassiriet SIGWX fil-forma ta' kodiċi tal-IWXXM jiġi inkluż u li jkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; 2.1 "L-użu ta' prodotti tas-sistema dinjija għat-tbassir ta' erja (WAFS)", id-dispożizzjoni 2.1.2	C	Fir-regoli tal-UE, din id-dispożizzjoni mhijiex trasposta. Għaldaqstant, u filwaqt li tiġi nnotata l-applikabbiltà differita tal-Emenda tal-ICAO (4 ta' Novembru 2021), ma hemm l-ebda rekwiżit għall-uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudromi biex jiddekodifikaw id-*data* tal-IWXXM riċevuta mid-WAFCs f'ċarts standard tad-WAFS.	L-MET.TR.215 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 mhuwiex espliċitu fir-rigward tal-użu tal-prodotti tad-WAFS użati fit-tħejjija tal-informazzjoni meteoroloġika pprovduta għad-dokumentazzjoni tat-titjira. Mhi prevista l-ebda bidla fir-Regolament (UE) 2017/373 f'dan ir-rigward.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; 2.2 "Notifika tad-WAFC dwar diskrepanzi sinifikanti", id-dispożizzjoni 2.2	C	Fir-regoli tal-UE, u filwaqt li tiġi nnotata l-applikabbiltà differita tal-Emenda tal-ICAO (4 ta' Novembru 2021), ma hemm l-ebda rekwiżit għall-uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudromi biex jużaw id-*data* tal-IWXXM riċevuta mid-WAFC ikkonċernata biex jinnotifikaw diskrepanzi sinifikanti.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta r-rekwiżiti għall-fornitur tas-servizzi meteoroloġiċi (mhux biss l-uffiċċji meteoroloġiċi tal-ajrudromi), biex jinfurmaw lid-WAFC ikkonċernat dwar diskrepanzi sinifikanti meta tintuża d-*data* tal-IWXXM huwa antiċipat li jiġu inklużi u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.

ANNESS 3, Emenda 79, App 2; Tabella A2-1 “Mudell għal messaġġi ta’ notifika għal irmied volkaniku”	C	Fir-regoli tal-UE, il-mudell ma jinkludix dispożizzjonijiet għal referenzi għal “UNKNOWN” fil-każ tat-taqsima “Stat/Reġjun” tal-konsulenza. Ir-referenzi għal; Elevazzjoni “SFC” (mill-wiċċ tal-art) u “UNKNOWN” fit-taqsima “Elevazzjoni tas-summit” mhumiex inklużi. Eżempji u noti f’qiegħ il-paġna relatati ma’ rmied volkaniku “RE-SUSPENDED” mhumiex inklużi.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta d-dispożizzjonijiet għar-referenzi għall-“UNKNOWN” fit-taqsima tal-Istat/Reġjun; Elevazzjoni “SFC” (mill-wiċċ tal-art) u “UNKNOWN” fit-taqsima “Elevazzjoni tas-summit”; u eżempji li jinkludu rmied volkaniku “RE-SUSPENDED” huma antiċipati li jiġu inklużi u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; Eżempju A2-1 “Mudell għal messaġġi ta’ notifika għal irmied volkaniku”	C	Fir-regoli tal-UE, il-bidla għan-“numru tal-vulkan” fl-eżempju mhijiex inkluża.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta l-bidla għan-“numru tal-vulkan” fl-eżempju hija antiċipata li tiġi inkluża u li tkun konsistenti mal-Emenda 79.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; Tabella A2-2 “Mudell għal messaġġi ta’ notifika għal ċikluni tropikali”	C	Fir-regoli tal-UE, il-mudell ma jinkludix: 1) dispożizzjonijiet għall-inklużjoni tal-bidla fl-intensità fil-ħin tal-osservazzjoni taċ-ċiklun tropikali; 2) inklużjoni tal-opzjoni “NIL” fir-rigward tas-sħab cumulonimbus (CB) osservat.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta d-dispożizzjonijiet għall-inklużjoni tal-bidla fl-intensità fil-ħin tal-osservazzjoni taċ-ċiklun tropikali u l-inklużjoni tal-għażla “NIL” fir-rigward tas-sħab cumulonimbus (CB) osservat huma antiċipati li jiġu inklużi u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 2; Eżempju A2-2 “Mudell għal messaġġi ta’ notifika għal ċikluni tropikali”	C	Fir-regoli tal-UE, l-eżempju aġġornat ma jinkludix il-punt li jinnota l-bidla fl-intensità fil-ħin tal-osservazzjoni taċ-ċiklun tropikali.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta l-punt li jinnota l-bidla fl-intensità fil-ħin tal-osservazzjoni taċ-ċiklun tropikali huwa antiċipat li jiġi inkluż u li jkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.

ANNESS 3, Emenda 79, App 2; Tabella A2–3 “Mudell għal messaġġi ta’ notifika għal informazzjoni dwar it-temp spazjali”	C	Fir-regoli tal-UE, il-funzjoni taċ-ċentri tat-temp spazjali – u għalhekk it-Tabella A2–3 – bħalissa mhijiex inkluża.	L-EASA se tkompli timmonitorja l-iżviluppi tal-provvista tat-temp spazjali. Bħalissa, ma hemm l-ebda skeda ta’ żmien antiċipata għall-inklużjoni tal-funzjoni taċ-ċentri tat-temp spazjali fir-regoli tal-UE.
ANNESS 3, Emenda 79, App 3; Tabella A3–2 “Mudell għal messaġġi ta’ notifika għal METAR u SPECI	C	Fir-regoli tal-UE, l-użu tas-solidi (“/”) bħala indikatur tad-“*data* nieqsa” mhuwiex inkluż b’mod espliċitu.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta l-użu tas-solidi (“/”) bħala indikatur tad-“*data* nieqsa” fil-kuntest tal-UE li jkun ġie kkunsidrat għall-inklużjoni fir-regoli tal-UE.
ANNESS 3, Emenda 79, App 4; 2.6 “Turbolenza”, id-dispożizzjoni 2.6.2	C	Il-Kapitolu 5 u l-Anness 4 tal-Anness 3 tal-ICAO mhumiex trasposti fir-regolament tal-UE.	Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar ta’ turbolenza fir-rigward tar-“rata tad-dissipazzjoni tal-kurrenti ta’ Foucault” (EDR) se jkunu koperti mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 (SERA) li jindirizza l-osservazzjonijiet u r-rapporti tal-inġenji tal-ajru permezz ta’ komunikazzjoni bil-vuċi skont il-Kompitu ta’ Tfassil tar-Regoli 0476, Aġġornament Regolari tas-SERA. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-komunikazzjoni b’kollegament tad-*data* se jiġu kkunsidrati wkoll fil-qafas tal-kompitu futur relatat mal-operazzjonijiet b’kollegament tad-*data*.

ANNESS 3, Emenda 79, App 4; 2.6 “Turbolenza”, id-dispożizzjoni 2.6.3	C	Il-Kapitolu 5 u l-Anness 4 tal-Anness 3 tal-ICAO mhumiex trasposti fir-regolament tal-UE.	Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar ta’ turbolenza fir-rigward tar-“rata tad-dissipazzjoni tal-kurrenti ta’ Foucault” (EDR) se jkunu koperti mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 (SERA) li jindirizza l-osservazzjonijiet u r-rapporti tal-inġenji tal-ajru permezz ta’ komunikazzjoni bil-vuċi skont il-Kompitu ta’ Tfassil tar-Regoli 0476, Aġġornament Regolari tas-SERA. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-komunikazzjoni b’kollegament tad-*data* se jiġu kkunsidrati wkoll fil-qafas tal-kompitu futur relatat mal-operazzjonijiet b’kollegament tad-*data*.
ANNESS 3, Emenda 79, App 4; Tabella A4–1 “Mudell għar-Rapport Speċjali dwar l-Ajru (downlink)	C	Il-Kapitolu 5 u l-Anness 4 tal-Anness 3 tal-ICAO mhumiex trasposti fir-regolament tal-UE.	Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar ta’ maltempati tat-trab qawwija se jkunu koperti mir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 (SERA) li jindirizza l-osservazzjonijiet u r-rapporti tal-inġenji tal-ajru permezz ta’ komunikazzjoni bil-vuċi skont il-Kompitu ta’ Tfassil tar-Regoli 0476, Aġġornament Regolari tas-SERA. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-komunikazzjoni b’kollegament tad-*data* se jiġu kkunsidrati wkoll fil-qafas tal-kompitu futur relatat mal-operazzjonijiet b’kollegament tad-*data*.

ANNESS 3, Emenda 79, App 5; 4.4 “Skambju u disseminazzjoni tat-tbassir tal-erja għal titjiriet f’livell baxx”, id-dispożizzjoni l-ġdida 4.4.2	C	Fir-regoli tal-UE, ma hemm l-ebda referenza għat-disseminazzjoni tat-tbassir tal-erja għal titjiriet f’livell baxx lis-servizzi ajrunawtiċi fissi bbażati fuq l-Internet.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta huwa antiċipat li d-disseminazzjoni tat-tbassir tal-erja għal titjiriet f’livell baxx lis-servizzi ajrunawtiċi fissi bbażati fuq l-Internet tiġi inkluża u tkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 6; 4.2 “Kriterji relatati mal-fenomeni, inkluż fil-messaġġi SIGMET u AIRMET u ajrurapporti speċjali (uplink)”, id-dispożizzjoni l-ġdida 4.2.6	C	Fir-regoli tal-UE, il-limiti aktar baxxi għal turbolenza severa u moderata huma 0.7 u 0.4 rispettivament.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta huwa antiċipat li l-limiti aktar baxxi għal turbolenza severa u moderata rispettivament jinbidlu għal 0.45 u 0.20 rispettivament u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 6; Tabella A6–1A “Mudell għal SIGMET u AIRMET”	C	Fir-regoli tal-UE dispożizzjoni għal: 1) l-identifikazzjoni ta’ sħab cumulonimbus (CB) f’assoċjazzjoni mal-pożizzjoni mbassra taċ-ċiklun tropikali u n-noti ta’ qiegħ il-paġna relatati, mhijiex inkluża; u, 2) ir-reviżjoni tan-noti f’qiegħ il-paġna relatati mas-SIGMET għal sħab radjuattiv mhijiex inkluża.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta d-dispożizzjoni għal: 1) l-identifikazzjoni ta’ CB f’assoċjazzjoni mal-pożizzjoni mbassra taċ-ċiklun tropikali u n-noti ta’ qiegħ il-paġna relatati; u, 2) reviżjoni tan-noti f’qiegħ il-paġna relatati mas-SIGMET għal sħab radjuattiv, huma antiċipati li jiġu inklużi u li jkunu konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 6; Tabella A6–1B, “Mudell għall-ajrurapporti speċjali (uplink)”	C	Fir-regoli tal-UE: 1) “maltempata tat-trab qawwija” (HVY DS) mhijiex inkluża; u, 2) l-inklużjoni ta’ “Osservat” fir-rigward ta’ “Lokalizzazzjoni” u “Livell” mhijiex inkluża.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta r-rilevanza tal-ajrurapporti speċjali (uplink) fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-UE se tkun ġiet ikkunsidrata għall-inklużjoni fir-Regolament (UE) 2017/373.

ANNESS 3, Emenda 79, App 6; Eżempju A6–4, "Messaġġi SIGMET għal sħab radjuattiv"	C	Fir-regoli tal-UE, il-formulazzjoni tal-ICAO tal-messaġġi SIGMET għal sħab radjuattiv mhijiex adottata.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta l-formulazzjoni tal-ICAO tal-messaġġi SIGMET għal sħab radjuattiv hija antiċipata li tiġi inkluża u li tkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.
ANNESS 3, Emenda 79, App 8; 2.2 "Format tal-informazzjoni dwar it-temp sinifikanti", id-dispożizzjoni 2.2.1	B	Ir-regoli tal-UE ma jagħmlux differenza bejn l-ippjanar ta' qabel it-titjira u l-ippjanar mill-ġdid waqt it-titjira f'dan ir-rigward.	Mhi prevista l-ebda bidla fir-Regolament (UE) 2017/373 f'dan ir-rigward.
ANNESS 3, Emenda 79, App 8; 2.2 "Format ta' informazzjoni dwar temp sinifikanti", id-dispożizzjoni u 2.2.2	C	Fir-regoli tal-UE, u filwaqt li tiġi nnotata l-applikabbiltà differita (4 ta' Novembru 2021) tar-rakkomandazzjoni li l-informazzjoni dwar it-temp sinifikanti pprovduta mid-WAFCs jenħtieġ li tkun fil-forma ta' kodiċi tal-IWXXM mhijiex inkluża.	L-emenda għar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021, meta, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-applikabbiltà differita (4 ta' Novembru 2021), ir-rakkomandazzjoni li l-informazzjoni dwar it-temp sinifikanti pprovduta mid-WAFCs għandha tkun fil-forma ta' kodiċi tal-IWXXM hija antiċipata li tiġi inkluża u li tkun konsistenti mal-Emenda 79 tal-ICAO.

1.3. L-Emendi 44, 37, 23 rispettivament għall-Partijiet I, II u III tal-Anness 6 dwar l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru

1.3.1. Deskrizzjoni

L-Emenda 44 għall-Anness 6, il-Parti I tirrigwarda ż-żoni ta' kunflitt, l-operazzjonijiet f'kull temp, l-armonizzazzjoni tat-termini għall-awtorizzazzjoni, l-aċċettazzjoni u l-approvazzjoni (AAA), il-kompartiment tal-merkanzija, is-sistema ta' twissija dwar il-prossimità għall-art (GPWS), il-ġkieket tas-salvataġġ, l-Artikolu 83 *bis*, ir-reġistraturi tat-titjiriet, ir-reġistrazzjoni ta' messaġġi ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-*data*, u l-lokalizzazzjoni ta' inġenju tal-ajru f'diffikultà.

L-Emenda 37 għall-Anness 6, il-Parti II tirrigwarda l-operazzjonijiet f'kull temp, l-armonizzazzjoni tat-termini għall-awtorizzazzjoni, l-aċċettazzjoni u l-approvazzjoni (AAA), l-Artikolu 83 *bis*, ir-reġistraturi tat-titjiriet, u r-reġistrazzjoni ta' messaġġi ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-*data*.

L-Emenda 23 għall-Anness 6, il-Parti III tirrigwarda l-operazzjonijiet f'kull temp, l-armonizzazzjoni tat-termini għall-awtorizzazzjoni, l-aċċettazzjoni u l-approvazzjoni (AAA), l-Artikolu 83 *bis*, l-iżvilupp ta' kodiċi tal-prestazzjoni tal-ħelikopter b'espożizzjoni, ir-reġistraturi tat-titjiriet, u r-reġistrazzjoni ta' messaġġi ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-*data*.

1.3.2. Id-Dritt tal-Unjoni Rilevanti

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012[5]

1.3.3. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 44 għall-Parti I tal-Anness 6

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
4.2.8.1.1	C	Implimentata parzjalment. Is-CVS ma jirċevix krediti operazzjonali. Ir-Reg. (UE) 965/2012 attwalment jippermetti biss krediti operazzjonali għall-HUDs u l-EVS.	
4.2.8.2	C	Implimentata parzjalment. L-elementi li għadhom kif ġew introdotti tal-istandard għadhom ma ġewx trasposti fir-regoli tal-UE.	
4.3.4.1.2	C	Implimentata parzjalment. Ir-regoli tal-UE jużaw il-kunċett ETOPS minflok l-EDTO.	Huwa ppjanat li l-istandards EDTO jiġu trasposti fir-Reg. (UE) 965/2012 permezz ta' RMT.0392.
4.7.2.1	C	Mhux implimentata. Ir-Reg. (UE) 965/2012 ma jużax l-EDTO. Minflok, jintuża l-kunċett ETOPS.	Huwa ppjanat li l-istandards EDTO jiġu trasposti fir-Reg. (UE) 965/2012 permezz ta' RMT.0392.
4.7.2.2	C	Mhux implimentata. Ir-Reg. (UE) 965/2012 ma jużax l-EDTO. Minflok, jintuża l-kunċett ETOPS.	Huwa ppjanat li l-istandards EDTO jiġu trasposti fir-Reg. (UE) 965/2012 permezz ta' RMT.0392.

[5] ĠU L 296 , 25.10.2012, p. 1.

4.7.2.3	C	Mhux implimentata. Ir-Reg. (UE) 965/2012 ma jużax l-EDTO. Minflok, jintuża l-kunċett ETOPS.	Huwa ppjanat li l-istandards EDTO jiġu trasposti fir-Reg. (UE) 965/2012 permezz ta' RMT.0392.
4.7.2.4	C	Mhux implimentata. Ir-Reg. (UE) 965/2012 ma jużax l-EDTO. Minflok, jintuża l-kunċett ETOPS.	Huwa ppjanat li l-istandards EDTO jiġu trasposti fir-Reg. (UE) 965/2012 permezz ta' RMT.0392.
4.7.2.6	C	Mhux implimentata. Ir-Reg. (UE) 965/2012 ma jużax l-EDTO. Minflok, jintuża l-kunċett ETOPS.	Huwa ppjanat li l-istandards EDTO jiġu trasposti fir-Reg. (UE) 965/2012 permezz ta' RMT.0392.
6.1.5.1	C	Mhux implimentata.	
6.1.5.2	C	Mhux implimentata.	
6.1.5.3	C	Mhux implimentata.	
6.1.5.4 Rakkomandazzjoni	C	Mhux implimentata.	
6.3.3.1.1	A	Aktar Eżiġenti u Rigoruż. CAT.IDE.A.195 (a) tar-Reg. (UE) 965/2012 jeħtieġ ir-reġistrazzjoni ta' komunikazzjonijiet b'kollegament tad-*data* għall-ajruplani li jkun inħarġilhom CofA individwali fit-8 ta' April 2014 jew wara.	
6.3.3.1.2	C	Mhux implimentata. CAT.IDE.A.195 (a) tar-Reg. (UE) 965/2012 japplika biss għall-ajruplani li jkun inħarġilhom CofA individwali għall-ewwel darba fit-8 ta' April 2014 jew wara. Il-modifika retroattiva tat-tagħmir ta' reġistrazzjoni b'kollegament tad-*data* mhijiex meħtieġa.	
6.3.3.1.3 Rakkomandazzjoni	C	Mhux implimentata.	

6.18.1	C	Implimentata parzjalment. CAT.GEN.MPA.210 tar-Reg. (UE) 965/2012 mhijiex applikabbli għal ajruplani b'MCTOM ta' inqas minn 45 500 kg u MOPSC ta' inqas minn 19. Barra minn hekk, CAT.GEN.MPA.210 tapplika biss għall-ajruplani li jinħarġilhom CofA individwali fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara.	
6.18.2 Rakkomandazzjoni	C	Mhux implimentata.	
Appendiċi 8 1.6	C	Mhux implimentata. Jekk jintuża ADRS, bħalissa ma hemm l-ebda rekwiżit tal-UE li jindirizza l-affidabbiltà tas-sors tal-enerġija tiegħu	Id-differenza għandha tiġi nnotifikata kif imqabbla mal-Istandard 6.3.1.1.1
Appendiċi 10	C	Mhux implimentata	

1.1.4. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 37 għall-Parti II tal-Anness 6

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
2.2.2.2.1.1	C	Implimentata parzjalment. Is-CVS ma jirċevix krediti operazzjonali. Ir-Reg. (UE) 965/2012 attwalment jippermetti biss krediti operazzjonali għall-HUDs u l-EVS.	
2.4.16.2.1	C	Implimentata parzjalment.	Ma hemm l-ebda rekwiżit ta' ġarr ta' reġistratur tat-titjira fil-Parti-NCO
2.4.18.1	C	Mhux implimentata.	
2.4.18.2	C	Mhux implimentata.	

2.4.18.3	C	Mhux implimentata.	
2.4.18.4	C	Mhux implimentata.	
Appendiċi 2.5	C	Mhux implimentata.	

1.1.5. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 23 għall-Parti III tal-Anness 6

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
2.2.8.1.1	C	Implimentata parzjalment. Is-CVS ma jirċevix krediti operazzjonali. Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 attwalment jippermetti biss krediti operazzjonali għall-HUDs u l-EVS.	
2.2.8.2	C	Implimentata parzjalment. L-elementi li għadhom kif ġew introdotti tal-istandard għadhom ma ġewx trasposti fir-regoli tal-UE.	
4.1.5.1	C	Mhux implimentata	
4.1.5.2	C	Mhux implimentata	
4.1.5.3	C	Mhux implimentata	
4.1.5.4	C	Mhux implimentata	
4.3.3.1.2	C	Mhux implimentata	
4.3.3.1.2.4	C	Mhux implimentata	
4.7.3.1.1.1	C	Mhux implimentata	
4.13.1	C	Mhux implimentata	
4.13.2	C	Mhux implimentata	
4.13.3	C	Mhux implimentata	

4.13.4	C	Mhux implimentata	
Appendiċi 4 1.6	C	Mhux implimentata. Jekk jintuża ADRS, bħalissa ma hemm l-ebda rekwiżit tal-UE li jindirizza l-affidabbiltà tas-sors tal-enerġija tiegħu	Id-differenza għandha tiġi ppreżentata kif imqabbla mal-Istandard 4.3.1.1.4
Appendiċi 6	C	Mhux implimentata	

1.4. L-Emenda 92 għall-Anness 10 dwar it-Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi, Volum I u Volum II

1.4.1. Deskrizzjoni

Volum I: L-emenda tirrigwarda s-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS) u l-għajnuniet konvenzjonali għan-navigazzjoni li jirriżultaw mir-raba' u l-ħames laqgħa tal-Bord tas-Sistemi tan-Navigazzjoni (NSP/4 u 5). L-emenda tindirizza: (a) il-kategoriji tal-prestazzjoni tal-faċilitajiet tas-sistema għall-illandjar bl-istrumenti (ILS); (b) l-għoti ta' informazzjoni dwar l-istatus operattiv tas-servizzi tan-navigazzjoni bir-radju; (c) l-aġġornament tad-dispożizzjonijiet tas-sistema ta' awmentazzjoni bis-satellita (SBAS) biex jiġu introdotti forniturі ġodda tas-servizzi SBAS, identifikatur standard ġdid tal-Ħin Universali Koordinat (UTC) u rekwiżiti ta' monitoraġġ tal-ħruġ ta' *data* (IOD) tas-Sistema ta' Pożizzjonament Globali (GPS); (d) id-dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-kompatibbiltà tas-sistema ta' awmentazzjoni bbażata fuq l-art (GBAS) bi frekwenza għolja ħafna (VHF) ta' xandir ta' *data* (VDB) mas-sinjal tar-radju omnidirezzjonali (VOR) tal-ILS u tal-VHF; (e) il-kjarifiki u l-korrezzjonijiet għad-dispożizzjonijiet tas-GBAS; u (f) il-gwida addizzjonali dwar il-limiti ta' twissija tal-integrità tal-GNSS.

Volum II: L-emenda hija relatata mal-mudell ta' skambju ta' informazzjoni meteoroloġika (IWXXM) tal-ICAO, man-netwerk fiss tat-telekomunikazzjoni ajrunawtika (AFTN) u mas-servizz ajrunawtiku fiss (AFS).

1.4.2. Id-Dritt tal-Unjoni Rilevanti

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373[6]

[6] ĠU L 62, 8.3.2017, p. 11.

1.4.3. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum I

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
Anness 10, Volum I, Emenda 92	C	Ir-Regolament (UE) 2017/373 jirreferi għall-Anness 10 tal-ICAO, Volum I, sal-Emenda 89, inkluża, biss.	Il-konformità tinkiseb meta jiġi emendat il-punt CNS.TR.100 tar-Regolament (UE) 2017/373 skont l-RMT.0719 "Aġġornament regolari tar-regoli tal-ATM/ANS (IR/AMC/GM)" skont l-iskeda dettaljata fl-EPAS attwali.

1.1.0.

1.1.4. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum II

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
Anness 10, Volum II, Emenda 92, Kapitolu 4, 4.3	C	Ir-Regolament (UE) 2017/373 jirreferi għall-Anness 10 tal-ICAO, Volum I, sal-Emenda 89, inkluża, biss.	Il-konformità tinkiseb meta jiġi emendat il-punt CNS.TR.100 tar-Regolament (UE) 2017/373 skont l-RMT.0719 "Aġġornament regolari tar-regoli tal-ATM/ANS (IR/AMC/GM)" skont l-iskeda dettaljata fl-EPAS attwali.

1.5. L-Emenda 52 għall-Anness 11 dwar is-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru

1.5.1. Deskrizzjoni

L-emendi jikkonċernaw l-ippjanar ta' kontinġenza fir-rigward ta' żoni ta' kunflitt. Dawn huma ispirati mir-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza li saru mill-Bord tas-Sikurezza Olandiż (DSB) wara t-Titjira 17 tal-Malaysian Airlines (MH17) u mir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar ir-Riskji għall-Avjazzjoni Ċivili li jirriżultaw minn Żoni ta' Kunflitt (TF RCZ) (C-DEC 203/1). L-emenda tikkonċerna wkoll emendi fil-forma ta' dispożizzjoni ġdida dwar il-qari lura mis-sewwieqa ta' vetturi operattivi.

1.5.2. Id-Dritt tal-Unjoni Rilevanti

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373[7]

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469[8]

[7] ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014[9]

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012[10]

1.5.3. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 52 għall-Anness 11

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
Anness 11, Emenda 52, Kapitolu 2.19, Punt 2.19.3	C	Fir-regoli tal-UE, l-obbligu fuq l-awtorità xierqa tal-ATS li jiżguraw it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza u l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskji, mhuwiex inkluż.	L-emenda tar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata permezz tal-RMT.0719 "Aġġornament regolari tar-regoli tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru" u l-iskeda tista' tiġi segwita fil-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EPAS).
Anness 11, Emenda 52, Kapitolu 2.19, Punt 2.19.3.1	C	Fir-regoli tal-UE, l-obbligu fuq l-Istat Membru li jistabbilixxi proċeduri biex jiffaċilitaw il-konsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha sinifikanti għas-sikurezza fil-valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza, mhuwiex inkluż.	L-emenda tar-Regolament (UE) 2017/373 hija ppjanata permezz tal-RMT.0719 "Aġġornament regolari tar-regoli tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru" u l-iskeda tista' tiġi segwita fil-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EPAS).

[8] ĠU L 104 , 3.4.2020, p. 1
[9] ĠU L 44 , 14.2.2020, p. 1
[10] ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1

Anness 11, Emenda 52, Kapitolu 3, Punt 3.7.3.3	A	Il-proposta għal emenda għar-Regolament (UE) Nru 139/2014, li hija mistennija li tiġi ppubblikata sa tmiem l-2020, fiha d-dispożizzjonijiet li ġejjin: *"(3) Is-sewwieqa ta' vettura mgħammra bir-radju, li joperaw jew li għandhom il-ħsieb li joperaw fiż-żona ta' mmanuvrar għandhom jaqraw lura, lill-persunal tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, il-partijiet tal-istruzzjonijiet relatati mas-sikurezza li jiġu trażmessi bil-vuċi. L-istruzzjonijiet għad-dħul, l-istennija barra mir-runway, il-qsim u t-tħaddim fuq kwalunkwe runway, taxiway jew strixxa tar-runway għandhom dejjem jinqraw lura;* *(4) jaqra lura, lill-persunal tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, jew jiġu rikonoxxuti, struzzjonijiet differenti minn dawk fil-punt (3) b'mod li jiġi indikat b'mod ċar li dawn inftiehmu u għandu jkun hemm konformità magħhom."* <u>It-test tal-ICAO</u>: Il-vettura li topera jew li għandha l-ħsieb li topera fiż-żona ta' kontroll għandha taqra lura, lill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru, il-partijiet tal-struzzjonijiet relatati mas-sikurezza li jiġu trażmessi bil-vuċi, eż. struzzjonijiet biex wieħed jidħol, iżomm nieqes milli, jaqsam u jopera fuq kwalunkwe runway jew taxiway operazzjonali.	Ir-Regolament tal-UE huwa mistenni li jkun aktar eżiġenti peress li huwa meqjus li r-rekwiżiti dwar is-sewwieqa tal-vetturi għandhom ikunu preċiżi daqs kemm huma għall-ekwipaġġ tat-titjira. Ir-rekwiżiti korrispondenti tar-Regolament (UE) Nru 139/2014 jistgħu jiġu replikati fir-Regolament (UE) Nru 923/2012 fil-punt SERA.8015 (e) permezz tal-RMT.0476 "Aġġornament regolari tar-regola SERA (IR/AMC/GM)" u ppjanat li jsiru applikabbli sar-raba' kwart tal-2023.

Anness 11, Emenda 52, Kapitolu 3, Punt 3.7.3.4	C	Fir-regoli tal-UE, l-obbligu fuq il-kontrollur li jisma' l-qari lura tas-sewwieq tal-vettura, mhuwiex inkluż.	L-emenda tar-Regolament (UE) Nru 923/2012 hija kkunsidrata permezz tal-RMT.0476 "Aġġornament regolari tar-regola SERA (IR/AMC/GM)" u hija ppjanata li ssir applikabbli sar-raba' kwart tal-2023, meta l-obbligu fuq il-kontrollur li jisma' l-qari lura tas-sewwieq tal-vettura se jkun konsistenti mal-Emenda 52.

1.6. L-Emendi 15 u 9 għall-Anness 14 dwar l-Ajrudromi, Volum I u Volum II

1.6.1. Deskrizzjoni

Volum I: L-emenda tirrigwarda d-disinn u l-operazzjonijiet tal-ajrudrom u l-għajnuniet viżwali għan-navigazzjoni.

Volum II: L-emenda tikkonċerna modifiki fid-disinn tal-ajrudrom u fl-ispeċifikazzjonijiet tal-operat li jirriżultaw mit-tielet laqgħa tal-Bord tad-Disinn u l-Operazzjonijiet tal-Ajrudrom (ADOP/3) u t-tmien laqgħa tal-Grupp ta' Studju PANS-Aerodromes (PASG/8).

1.6.2. Id-Dritt tal-Unjoni Rilevanti

Volum I: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014[11] u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373[12]

Volum II: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014[13]

1.6.3. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 15 għall-Anness 14, Vol I

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
1.1.7. Installazzjoni ta' oġġetti fuq strippi tar-runway	A	L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni fihom valuri ogħla għal ċerti tipi ta' runways	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
3.6.3 Wisa' tal-mogħdiji tal-ikklerjar	A	L-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni attwali fiha valur ogħla għal ċerti tipi ta' runways	L-EASA se tkompli tikkunsidra l-ħtieġa li tiġi emendata l-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni

[11] ĠU L 44 , 14.2.2020, p. 1
[12] ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1.
[13] ĠU L 44 , 14.2.2020, p. 1

3.12.6 Żoni ta' stennija, pożizzjonijiet ta' stennija fuq ir-runway, pożizzjonijiet intermedji ta' stennija u pożizzjonijiet ta' stennija fit-triq	B	L-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni attwali ma tiċċarax l-intenzjoni tal-ispeċifikazzjoni fir-rigward tal-wiċċ tranżizzjonali intern	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
3.12.8 Żoni ta' stennija, pożizzjonijiet ta' stennija fuq ir-runway, pożizzjonijiet intermedji ta' stennija u pożizzjonijiet ta' stennija fit-triq	C	Id-dispożizzjoni ġiet trasposta bħala GM	Id-dispożizzjoni tista' tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.3.23.4 Dwal "guard lights" tul ir-Runway	C	L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni attwali ma jindirizzawx din id-dispożizzjoni	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.3.23.5 Pożizzjoni tad-dwal "guard lights" tul ir-Runway	C	L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni attwali ma jindirizzawx din id-dispożizzjoni	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.3.23.6 Pożizzjoni tad-dwal "guard lights" tul ir-Runway	C	L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni attwali ma jindirizzawx din id-dispożizzjoni	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.3.23.10 Karatteristiċi tad-dwal "guard lights" tul ir-Runway	B	L-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni attwali tindirizza din id-dispożizzjoni b'mod differenti	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.3.29.3 Pożizzjoni tan-"no entry bar"	C	L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni attwali ma jindirizzawx din id-dispożizzjoni	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.3.29.8 Karatteristiċi tan-"no entry bar"	B	L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni attwali jindirizzaw din id-dispożizzjoni b'mod differenti	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021

5.4.1 Tabella 5-5	A	L-ispeċifikazzjoni attwali tipprevedi żieda fl-għoli tal-wiċċ tas-sinjali	Huwa ppjanat li din id-dispożizzjoni tinżamm
5.4.3.35 sinjali ta' informazzjoni	C	L-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni attwali ma tindirizzax bis-sħiħ din id-dispożizzjoni	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.4.3.37 sinjali ta' informazzjoni	C	L-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni attwali ma tindirizzax bis-sħiħ din id-dispożizzjoni	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
5.4.3.39	C	L-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni attwali ma tindirizzax bis-sħiħ din id-dispożizzjoni	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021
9.9.5	A	L-ispeċifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni attwali hija aktar eżiġenti fir-rigward tal-installazzjoni ta' oġġetti għal ċerti tipi ta' runways	Id-dispożizzjoni hija ppjanata li tiġi adottata sat-tielet kwart tal-2021

1.1.4. Tabella tad-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati għall-Emenda 9 għall-Anness 14, Vol II

Dispożizzjoni tal-Anness	**Kategorija tad-differenza**	**Dettalji tad-differenza**	**Rimarki**
1.1 Definizzjoni tad-Disinn D	C	Id-definizzjoni mhijiex koperta mid-dispożizzjonijiet attwali. Barra minn hekk, tapplika biss għal ħeliports VFR li jinsabu f'ajrudromi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 139/2014	L-ispeċifikazzjoni se tiġi kkunsidrata f'attivitajiet futuri tat-tfassil tar-regoli.
1.1 Definizzjoni ta' valur-D	C	Id-definizzjoni mhijiex koperta mid-dispożizzjonijiet attwali. Barra minn hekk, tapplika biss għal ħeliports VFR li jinsabu f'ajrudromi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 139/2014	L-ispeċifikazzjoni se tiġi kkunsidrata f'attivitajiet futuri tat-tfassil tar-regoli.

